**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**kontra**

**CLAYTON GALEA**

**(ID: 246683(M))**

Kaz Nru.: 154/17

**Illum, 22 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Clayton Galea** ….

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1] sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat li fl-udjenza tad-19 t'Ottubru 2021 l-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta[3];

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-qua imputat jinsab akkuzat b'pussess semplici tal-pjanta Cannabis; tar-raza tal-Cannabis; kokaina; u herojina.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

(1) L**-ispettur Frank Anthony Tabone** li xehed dwar l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija u ezebixxa numru ta' dokumenti. Huwa spjega bil-gurament kif fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Gunju 2017 huwa kien ta' struzzjonijiet lill-pulizija fi hdan it-taqsima kontra d-droga u r-Rapid Intervention Unit sabiex issir tfittxija gewwa Monroe Lounge, Luqa, fid-dawl ta' mandat ta' tfittxija mahrug fl-14 ta' Gunju 2017 (esebiet bhala Dok. FT[4]). F'din it-tfittxija kien gie arrestat sid il-bar u cioe' l-qua imputat u dan wara li fuq il-persuna tieghu (fil-wallet tieghu) nstabet sachet b'sustanza bajda suspettata kokajina[5]. Minn tfittxija gewwa l-istabbiliment Monroe Lounge instabet borza b'sustanza hadra suspettata cannabis grass u numru ta' oggetti relatati mal-abbuz tad-droga[6]. Minn tfittxija li saret gewwa l-fond li jirrisjedi fih l-imputat instabet ukoll sustanza suspettata cannabis grass u numru ta' oggetti relatati mal-abbuz tad-droga (Dok. FT6). Filwaqt li minn tfittxija fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KBL 116 instabet ukoll sustanza suspettata droga li giet esebieta bhala Dok. FT5. In segwitu ghal dawn it-tfittxijiet huwa

[1] Ara fol. 8 tal-atti processwali;
[2] Ara fol. 55 tal-atti processwali.
[3] Ara fol. 58 tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 14 tal-atti processwali.
[5] Dokument FT1.
[6] Evidence bag esebiet bhala Dok. FT4.

gie mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal iktar investigazzjonijiet fejn hemm hekk huwa rrillaxxa stqarrija[7] wara li rrinunzja ghad-dritt li jkun assistiet minn avukat jew minn prokuratur legali tal-fiducja tieghu kemm qabel kif ukoll waqt l-istqarrija[8].

Mill-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat fit-18 ta' Gunju 2017, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmax, u dan wara li rrinunzja d-dritt ghall-assistenza legali qabel kif ukoll waqt it-tehid tal-istqarrija, jirrizulta li l-qua imputat kien qed imexxi wahdu Monroe Lounge. Jikkonferma l-arrest tieghu fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-01.30am waqt li kien fil-hanut. Huwa kkonferma li s-sustanzi elevati kienu ukoll tieghu u li kienu intizi ghall-uzu personali tieghu. Huwa nnega li kien involut fit-traffikar tad-droga minn gewwa l-istabbiliment Monroe Lounge u ddikjara li huwa qatt ma kien traffika d-droga. Xehed li huwa kien jabbuza mid-droga eroina, kokaina u cannabis (raza u *grass*). Jghid ukoll li l-cash li kien instab kien gej mill-bejgh tal-istess stabbiliment.

Fir-rigward tal-imsemmija stqarrija jinghad ukoll li fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2019, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil PC1183 Oliver Borg bhala xhud tal-volontarjeta' tal-istqarrija tal-imputat u tad-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali. Il-prosekuzzjoni giet ezentata ukoll milli ttella lil WPS238 Monica Chircop bhala xhud tal-volontarjeta' tad-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-assistenza legali[9].

(2) **PS1163 Frans Schembri** li kkonferma li fit-18 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-2am ta' filghodu kien gie organizzat raid gewwa Monroe Lounge fil-limit ta' Hal-Luqa. Huwa spjega li l-inkarigu tieghu kien li joqghod ghassa mal-appartament. Jikkonferma ukoll li saret tfittxija gewwa l-appartament fil-prezenza tal-qua imputat fejn instabet borza zghira bi trab kannella li kienet f'top cupboard u borza zghira ohra fil-kamra tas-sodda b'xi sustanza suspettata haxixa.

**(3) PS579 Antoine Micallef** kkonferma li sar raid gewwa Monroe Lounge gewwa Hal Luqa. Huwa kkonferma li minn gewwa appartament li qieghed fuq dan il-hanut gie elevat pakkett zghir bi trab b'sustanza bajda u sustanza kannella. Huwa kkonferma ukoll li minn tfittxija mill-bar giet

[7] Ara l-istqarrija esebieta bhala Dok. FT3 a fol. 16 tal-atti processwali.
[8] Ara d-dikjarazzjoni esebieta bhala Dok. FT2
[9] Ara fol. 25 tal-atti processwali.

elevate ukoll sustanza suspettata Cannabis minn hdejn il-cash register. Fl-ahhar net huwa kkonferma li l-qua imputat kien prezenti ghal waqt it-tfittxijiet kollha li saru.

(4) **Profs Emmanuel Sinagra** li wara li gie mahtur bhala espert fuq talba tal-prosekuzzjoni bil-ghan li janalizza s-sustanza esebieti huwa kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 061_21_01 instabet is-sustanza tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' 4.43 grammi u l-purita' kienet ta' circa 9%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ahdar u tracci ta' haxix ahdar fid-dokument 061_21_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' 0.94 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 7%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument immarkat 061_21_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.42 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[10]

Illi min-naha taghha d-**difiza** ghazlet (hekk kif kellha kull dritt li taghmel) li ma tressaq l-ebda provi.

Illi fl-ewwel lok irid jinghad li l-qua imputat irrillaxxa stqarrija lil pulizija hekk kif hawn fuq inghad. Dina l-istqarrija hija wahda ai termini tal-ligi vigenti fejn l-imputat qabel ma gie interrogat mill-pulizija gie offrut id-dritt ghall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-istqarrija. Il-qua imputat irrifjuta dan id-dritt hekk kif kellu kull dritt li jaghmel. Madanakollu l-fatt li wara li gie offrut id-dritt tal-assitenza legali u huwa rrifjuta l-istess ma jnaqqas xejn mill-validita' ta' dina l-istqarrija.

[10] Fol. 45 tal-Atti processwali

Illi permezz tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet il-qua imputat qed jigi akkuzat b'pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u pussess semplici tal-pjanta Cannabis jew bicca minnha. Illi mir-relazzjoni pprezentata mill-Profs Sinagra jirrizulta li l-ammont rispettivi kienu 4.43 gramma raza mehuda mill-pjanta Cannabis u 0.94 gramma mehuda mill-pjanta Cannabis jew bicca minnha. Illi flimkien dan l-ammont ta' Cannabis ma jaqbizx is-7 grammi.

Konsegwentament dawn l-ewwel zewgt imputazzjonijiet gew milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena <u>tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi</u>, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, <u>**ma għandux jikkostitwixxi reat**</u>, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*

*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the*

*Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-***

***Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.”* (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment estint fil-konfront tal-ewwel zewgt imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat jirrizulta li saret tfittxija fuq il-persuna tal-qua imputat, fil-vettura tat-tfajla tieghu li normalment juza hu, fir-residenza tieghu kif ukoll fl-istabbiliment tieghu. F'kull wiehed minn dan il-lok instabet sustanza illecita li giet ezebieta fl-atti processwali odjerni u mghoddija lill-Profs Sinagra ai fini ta' analizi.

Fl-istqarrija tieghu l-qua imputat jiehu r-responsabilita' ghas-sustanzi kollha elevati u jikkonferma li dik hija tieghu u intiza ghall-uzu personali tieghu.

Fil-konkluzzjonijiet tieghu l-Profs Sinagra jikkonkludi li huwa identifika s-sustanza kokaina (barra l-Cannabis). L-ammont ta' din is-sustanza kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom instabet jindikaw li din kienet ghall-uzu personali tal-qua imputat. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat. Il-Qorti jirrizulta pruvat ukoll li l-ammont ta' kokaina identifikat kien inqas minn zewgt grammi u ghaldaqstant tqis li d-dispossizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta bhala applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni u cioe' l-pussess semplici tal-eroina, irid jinghad li dina s-sustanza ma gietx elevata mill-pussess tal-qua imputat. Fil-fatt bhala sustanza ma gietx identifikat mill-analizi tal-Profs Sinagra. Huwa minnu li fl-istqarrija mehuda fit-termini tal-ligi l-qua imputat jammetti li huwa gieli uzu mill-imsemmija sustanza madanakollu huwa ma kienx car fl-liema perjodu huwa kkonsma minn dina is-sustanza. Ghal din ir-raguni dina l-Qorti ma hijiex tal-fehma li r-raba' imputazzjoni hekk kif dedotta giet sufficjentament ippruvata skond il-ligi. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-istess.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a); 8(d); 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 4 u 6 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4A(1) u 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat Clayton Galea mir-raba' imputazzjoni filwaqt li qed

issibu hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament b'applikazzjoni tas-subartikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanah ghall-penali ta' Eur. 80. Di piu, fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 4A(1) tal-Kap. 537, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, qeghda tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-imputat Clayton Galea sabiex fi zmien sitt xhur millum ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 518.14 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni.

Finalment, il-Qorti tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga li tinsab ezebieta hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur